MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru. 115/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**
**v**

**Mark Farrugia ta' tletin sena bin Joseph u Anna nee' Scicluna, imwieled Pieta' fil-hmistax ta' Dicembru 1974 u residenti 67, Triq Guze' Ellul Mercer, Dingli, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 14775(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MARK FARRUGIA** ta' tletin sena bin Joseph u Anna nee' Scicluna, imwieled Pieta' fil-hmistax ta' Dicembru 1974 u residenti 67, Triq Guze' Ellul Mercer, Dingli, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 14775G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tmienja w

ghoxrin ta’ Frar, 2005 ghall-habta tas-siegha w nofs ta’ wara nofsinhar, fl-inhawi ta’ Mgarr ix-Xini, Ghawdex;

1. Waqt stagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq il-bahar kien ghall–kacca u jew ipprova jikkaccja u jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon meta kien fl-ghata tieghu meta kien wieqaf f’distanza ta’ inqas minn tlett [3] kilometri boghod mix-xatt ;

2. Talli bhala pussessur ta’ licenzja taht l-artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f’dik il-licenzja;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra li taghti l-piena skond il-ligi, tikkonfiska l-ogetti esebiti.

Semghet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe lil PC 1209 Edmond Grima u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ppruvati w ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3 tal-Kap 66 u l-artikolu 6 u 9(1)(g)(ii)(aa) tal-Avviz Legali 146 tas-sena 1993, **tiddikjara li ssib lil imputat MARK FARRUGIA hati u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitt lira maltin komplessivament ghaz-zewg akkuzi.**

Peress li ma gie esibit ebda oggett, l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni dwar konfiska.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------